MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2006

Talba Numru. 962/2004

**Citadel Insurance plc (C21550) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha John Bonello u l-istess John Bonello**

**vs**

**Charles Borg Grech**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta Mejju 2004 fejn l-atturi qed jitolbu li l-konvenut jigi kkundannata ihallas is-somma ta tliet mija u tmienja u hamsin lira tlieta u tletin centezmu (Lm358.33) rapprezentanti valur ta hsarat sofferti fil-vettura tal-attur numru DAE 114 f'incident li gara fil-21 ta Frar 2002 meta xi injam jew materjal iehor waqa mill-fond appartament numru 71 ix-Xatt, Sliema fejn kienet tinsab parkeggjata l-istess vettura ghal liema ncident il-konvenut ghandu jigi dikjarat unikament responsabbli.

Bl-spejjes inkluzi dawn tal-ittra interpellatorja u ta dik mibghuta kontestwalment ma dan l-avviz a tenur tal-Kap 104 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ittra ufficcjali kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fis-27 ta Mejju 2004 fejn ikkontestat t-talba attrici permezz ta diversi eccezzjonijiet procedurali u fis-sustanza u cioe:-
1) Il-preskrizzjoni tal-azzjoni odjerna bid-dekors ta sentejn.
2) It-talbiet kienu nfondati b'mod generiku.
3) Illi l-konvenut ma hux responsabbli ghad-danni reklamati u ma ghandu x'jaqsam xejn mal-istess danni;
4) L-ammont pretiz kien ezagerat.

Sema l-provi migjuba quddiemu u ezamina d-dokumenti esbiti.

Sema t-trattazzjoni orali maghmula mill-konsulenti legali tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi l-kawza in kwistjoni si tratta dwar hsarat kagonati fil-vettura tal-atturi meta waqa xi materjal fuqha meta kienet parkeggjata u dana allegatament mill-appartament tal-konvenut. Ili ghalhekk l-oneru tal-prova fuq din l-allegazzjoni ghandha tigi ppruvata mill-istess atturi fuq bazi ta bilanc ta probabbilita. Dan il-principju qed isir accenn ghalih peress illi gie anke trattat fis-sottomissjonijiet orali maghmula mill-avukat difensur tal-konvenut. Illi ghalhekk it-Tribunal ezamina bir-reqqa jekk fil-fatt tali prova, partikolarment in-nexux bejn il-hsara tal-vettura u l-proprjeta tal-konvenut gietx soddisfatta o meno sal-precitat grad. Dwar l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni t-Tribunal qed jiddisponi mill-ewwel minnha billi jiddikjara li din ma tirrizultax affattu peress illi fl-ewwel lok il-konvenut baqa ma ndikax l-artikolu specifiku fuqhiex kien qed jibbaza tali eccezzjoni tieghu u fit-tieni lok jirrizulta li t-terminu kien gie nterrott permezz ta ittra ufficcjali prezentata kontra l-konvenut li kienet giet debitament notifikata lilu (a fol 20 u 21 tal-process). Illi

dwar l-ahhar eccezzjoni fuq il-kwantum jigi rilevat li l-valur tal-hsarat gew ampjament ipprovati tramite x-xhieda ta Dr Edward Zammit Laferla u mid-dokumenti minnu esebiti u kif ukoll minn Paul Caligari u Joseph Muscat.

Illi dwar il-meritu l-attur John Bonello jghid illi xi persuna mill-Jokers Pub kien tela ghandu biex jinformah li kienet waqghet injama mill-appartament numru 7 ghal fuq il-vettura tieghu. Meta xi jiem wara avvicina lill-konevnut (li ma kienx jafu qabel) dan innega kollox pero dahal fl-appartment tieghu nnota li l-gallarija tal-konvenut ma kienx fiha aperturI u kienet maghluqa bil-plastic u injam. Ghalhekk l-attur ikkontenda li kienet waqghet proprju wahda mill-injamiet li kienet mal-gallarija zzomm il-plastic. PS 542 jikkonferma r-rapport maghmul minnu fuq dan l-incident fejn hemm iz-zewg veduti tal-persuni nvoluti. Huwa sinifikanti li jghid ukoll li huwa kien avvicina lis-sidien tal-Jokers Pub pero la dawn ma ttellghu biex jixhdu u anqas ma giet identifikata l-persuna li fl-ewwel istanza kienet infurmat lill-attur bil-hsara. Oltre dan il-konvenut xehed li apparti li kien qed jinnega kull-involviment jaghmel affermazzjoni mhux kontrastata li fl-istess blokka tieghu kien hemm xi tliet appartamenti ohra fi stadju “Shell”. Barra minn hekk il-Blokka ta hdejh kienet ghadha tiela. Ighid inoltre li ma kellu ebda injam li seta waqa mill-appartament tieghu u li l-plastic tal-aperturi kieni qed jinzammu permezz ta strixxi rqaq ta injam u mhux tat-tip ta injama li allega u li urieh l-attur.

Illi in vista ta dawn il-provi li gew prodotti quddiemu kif hawn fuq riportati, t-Tribunal huwa tal-fehma li l-attur ma rnexxielux iressaq provi konvincenti u soddisfacenti dwar in-nexus bejn il-hsara kagonata  fuq il-vettura tieghu u l-proprjeta tal-konvenut. Naqas milli jressaq l-aktar xhud importanti cioe l-persuna li avzatu bl-akkadut u naqas ukoll li jkompli jinsisti mal-pulizija sabiex se mai tigi identifikata dik il-persuna daqstant importanti ghal dan il-kaz. Barra minnhekk jirrizulta mhux kontradett li fl-inhawi kien hemm diversi appartamenti ohra oltre blokka shiha ohra fi stat ta kostruzzjoni u li kienet gurnata rih – kwindi zewg fatturi li setghu facilment iwasslu biex l-injama tkun waqghet minn band’ohra.

Ghal dawn il-mottivi, it-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa t-tielet eccezzjoni tal-konvenut, kwindi jiddikjara li l-istess konvenut ma kienx responsabbli ghall-incidenti in kwistjoni u konsegwentement ghalhekk jirrespingi t-talbiet attrici bl-ispejjes kollha ta din l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-istess atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------